# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, il-Ħamis, 5 ta' Lulju, 2018

**Kawża Numru (Kost.)**

**Rik. Nru. 18/18JRM**

L-Avukat Dottor Edward **DeBONO** bħala mandatarju tal-assenti Joseph u Antonia Vassallo

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI** u Dominic u Rose Marie konjuġi Ellul

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Frar, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent *nomine* talab li din il-Qorti (i) ssib li bit-tħaddim fir-rigward tagħhom tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif mibdul bl-Att XXIII ta' l-1979 u bit-tħaddim tal-liġijiet fis-seħħ, l-intimati miżżewġin Ellul Philips qegħdin jingħataw il-jedd li jġeddu l-kirja li jgawdu fuq il-fond "*London House*", li jinsab fi Triq il-Ġdida bla isem li tiżbokka fi Triq Santa

Margerita fis-Siġġiewi (li llum iġġib l-isem ta’ Triq Pietru Mallia) b’mod li r-rikorrenti *proprio* ma għandhomx il-possibilita` li jieħdu lura f’idejhom l-imsemmi fond; (ii) issib li minħabba f’hekk ir-rikorrenti *proprio* qegħdin iġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li jgawdu bil-kwiet l-imsemmi fond bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”) u b’hekk tagħtihom ir-rimedju li l-Qorti jidhrilha xieraq, magħduda t-tneħħija tal-imsemmija intimati miżżewġin Ellul Philips mill-imsemmi fond; (iii) issib li l-intimati huma responsabbli għall-ħlas ta’ kumpens u għad-danni, pekunjarji u mhux, imġarrbin mir-rikorrenti *proprio* b’riżultat tat-tħaddim tal-Att XXIII tal-1979 li ma żammewx bilanċ xieraq bejn il-jeddijiet tas-sid u tal-kerrej ta’ fond mikri għaliex ma jirriflettux is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-ġid li jkun għall-finijiet tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni; (iv) tillikwida d-danni mġarrba mir-rikorrenti *proprio* u l-kumpens lilhom mistħoqq għall-finijiet tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni; u (v) tordna lill-intimati jħallsuhom il-kumpens hekk likwidat għall-finijiet tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta’ Frar, 2018, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-21 ta’ Marzu, 2018, u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fl-20 ta’ Marzu, 2018, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qal li r-rikorrent *nomine* jrid jagħti prova li tassew ingħata mandat mill-atturi u li tassew ma jinsabux f’Malta. Laqa’ wkoll b’eċċezzjonijiet fil-mertu u ċaħad li b’xi mod r-rikorrenti *proprio* ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati miżżewġin Ellul Philips fil-21 ta’ Marzu, 2018, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalu li l-azzjoni msemmija ma tiswiex u hija inamissibbli għaliex l-attur *nomine* naqas li jressaq kopja ta’ xi mandat lilu mogħti u magħmul fis-sura mitluba mil-liġi li turi li l-miżżewġin Vassallo jridu li l-Avukat DeBono jidher għalihom f’din il-kawża; li r-rikorrent *nomine* jrid jagħti prova li l-persuni li qiegħed jidher għalihom huma tabilħaqq sidien tal-post imsemmi fir-rikors promotur; li ladarba l-ġid imsemmi fir-rikors ma tteħidx minn taħt idejn ir-rikorrenti *proprio*, ir-rikorrenti *nomine* ma jistax jilminta minn ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, filwaqt li l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-qrati Maltin. Laqgħu wkoll b’eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Marzu, 2018[1], li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, għandha ssir it-trattazzjoni tal-ewwel u tat-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati miżżewġin Ellul Philips;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti *nomine* waqt is-smigħ tal-10 ta' April, 2018[2], biż-żewġ dokumenti mehmużin magħha u dan għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati Ellul Philips;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent *nomine* fit-13 ta' April, 2018[3], b'dokument ieħor mehmuż magħha għall-finijiet tal-imsemmija ewwel eċċezzjoni preliminari;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-8 ta' Mejju, 2018[4], li bih l-avukati difensuri tal-intimati rtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed u waħda minnhom dwar is-siwi tal-mandat mogħti lir-rikorrent *nomine* mir-rikorrenti *proprio*;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati miżżewġin Ellul Philips;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Mejju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari msemmija;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Ir-rikorrenti jgħidu li, bħala sidien ta' post mikri lill-intimati Ellul Philips bħala d-dar fejn jgħixu, huma ġarrbu u qegħdin iġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija bil-kwiet u l-pussess tal-post hekk mikri billi l-liġi fis-seħħ tagħti lill-imsemmija intimati l-jedd li jibqgħu jġeddu l-kirja minn żmien għal żmien u ma tagħtix lilhom, bħala sidien, il-jedd li jieħu l-post lura f'idejhom mingħand l-intimati msemmija. Huma jgħidu li, bit-tħaddim tal-liġijiet fis-seħħ, jinkisrulhom il-jeddijiet tagħhom taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Iridu li l-Qorti tagħtihom rimedju għal tali ksur, magħduda wkoll it-tneħħija tal-imsemmija intimati mill-post, u l-ħlas ta' kumpens taħt l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni;

[1] Paġ. 59 tal-proċess
[2] Paġġ. 64 – 5 tal-proċess
[3] Paġ. 67 tal-proċess
[4] Paġ. 70 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati miżżewġin Ellul Philips laqgħu b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, minbarra dawk fil-mertu. L-intimat Avukat Ġenerali wkoll laqa' b'eċċezzjoni preliminari, minbarra dawk fil-mertu;

Illi b'degriet tagħha mogħti fl-ewwel smigħ, il-Qorti ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel u tat-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati Ellul Philips. Ġara li r-rikorrent *nomine* ressaq dokumenti fiż-żmien tad-differiment li jixhdu li huwa tabilħaqq kien ingħata mandat mill-miżżewġin Vassallo biex jidher għalihom u f'isimhom f'din il-kawża ladarba huma jgħixu barra minn Malta. Fid-dawl ta' dawn il-provi dokumentali, l-intimati qagħdu għal dak li jgħidu d-dokumenti u waqt is-smigħ tat-8 ta' Mejju, 2018, irtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed u waħda minnhom;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati miżżewġin Ellul Philips li trid li l-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħa tagħha li tisma' u li tqis l-ilment tar-rikorrenti, kif jgħid il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba jqisu li l-istess rikorrenti naqsu li jinqdew bir-rimedji ordinarji kollha li tagħtihom il-liġi qabel ma fetħu din il-kawża;

Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti sa issa juru li bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tas-6 ta' April, 1974[5], fl-atti tan-Nutar Joseph Raymond Grech, ir-rikorrenti (minn issa 'l hemm imsejħin "Vassallo") taw lil wieħed Anthony Cachia b'titolu ta' sub-enfitewsi li jagħlaq għal żmien ta' sbatax-il (17) sena b'seħħ mill-1 ta' Mejju ta' dik is-sena, il-post bl-isem ta' "*London House*", li jinsab fi Triq Ġdida mingħajr isem li toħroġ minn Triq Santa Margerita (liema triq illum iġġib l-isem ta' Triq Pietru Mallia), bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Is-sub-ċens kien ta' disgħin Lira Maltin (Lm 90) li jitħallsu wara l-ewwel sena bis-sena bil quddiem, u mbagħad kull sitt xhur bil quddiem. Il-partijiet ftehmu wkoll għall-ħlas ta' rigal ta' mija u ħamsin Lira Maltin (Lm 150) li Cachia jħallas għal darba waħda biss;

Illi qabel ma għalaq l-imsemmi żmien, Vassallo dehru fuq kuntratt pubbliku ieħor tat-28 ta' Settembru, 1990[6], fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, mal-istess Cachia li bih u bis-saħħa tiegħu taw mill-ġdid b'titolu ta' sub-enfitewsi l-post lil Cachia għal żmien ta' wieħed u għoxrin (21) sena b'seħħ mill-1 ta' Mejju, 1991, u bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehmin, fosthom li s-sub-ċens kien tala' għal mija u tmenin Lira Maltija (Lm 180) kull sena li jitħallsu kull sitt xhur bil quddiem;

[5] Dok "A", f'paġġ. 11 – 4 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġġ. 15 sa 20 tal-proċess

Illi b'kuntratt tat-28 ta' April, 1995[7], fl-atti tan-Nutar Philip Said, Cachia u martu taw il-post lill-intimata Rosemarie Curmi Cassar (li dak iż-żmien kienet għadha xebba) b'titolu ta' sub-enfitewsi li jagħlaq u għaż-żmien li kien fadal miż-żmien mogħti lilhom fil-kuntratt tat-28 ta' Settembru, 1990 (jiġifieri mill-1 ta' Mejju 1991), b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1996, u bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma bejniethom. Is-sub-ċens li kellha tħallas l-intimata kien baqa' ta' mija u tmenin Lira Maltin (Lm 180) kull sena li wkoll jitħallsu kull sitt xhur bil quddiem;

Illi l-intimati miżżewġin Ellul Philips huma ċittadini Maltin u għadhom sallum jgħixu fl-imsemmi post bħala r-residenza tagħhom;

Illi f'Jannar tal-2012, Vassallo bagħtu jgħidu lill-intimati Ellul Philips li s-sub-enfitewsi kienet se tagħlaq fit-30 ta' April, ta' dik l-istess sena u ma kienx fi ħsiebhom iġeddu l-konċessjoni sub-enfitewtika u għarrfuhom li ladarba mal-għeluq tal-konċessjoni msemmija t-titolu kien se jinbidel f'kirja, kienu qegħdin javżawhom li se jgħollu l-kera skond kemm tagħti l-liġi[8];

Illi f'Awwissu tal-2012, Vassallo fetħu kawża kontra l-intimati Ellul Philips quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera[9] biex jitolbuh jawtorizżahom jieħdu l-post lura f'idejhom mat-tmiem tal-konċessjoni sub-enfitewtika għall-finijiet tal-artikolu 16(2) tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta u biex jawtorizżahom ineħħu lill-intimati miżżewġin Ellul Philips mill-imsemmi fond. Il-Bord li Jirregola l-Kera ċaħad it-talba ta' Vassallo b'sentenza tal-31 ta' Otubru, 2016, u l-Qorti tal-Appell (fuq appell imressaq minn Vassallo) ikkonfermat, għalkemm għal raġunijiet oħrajn, is-sentenza appellata;

Illi b'ittra uffiċjali tat-2 ta' Frar, 2018[10], mibgħuta lill-intimati Ellul Philips u lill-intimat Avukat Ġenerali, Vassallo talbu lill-intimati Ellul Philips biex joħorġu mill-post u talbuhom ilkoll biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni;

Illi Vassallo fetħu din il-kawża fis-26 ta' Frar, 2018;

Illi l-Qorti trid tagħmel il-<u>kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni taħt eżami</u> fuq is-saħħa tal-argument imressaq mill-intimati u r-raġuni mogħtija minnhom għaliex, skond il-fehma tagħhom, imissha twarrab il-kawża miftuħa minn Vassallo dwar l-ilment tagħhom tal-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija bi kwietha ta' ġidhom;

---

[7] Dok "Ċ", f'paġġ. 22 – 5 tal-proċess
[8] Dok "ED", f'paġ. 56 tal-proċess
[9] Rik. 63/12GG (maqtugħ b'sentenza mill-Qorti tal-Appell fit-2.2.2018, Ara Dok "E", f'paġġ. 27 sa 31 tal-proċess)
[10] Dok "F", f'paġġ. 32 – 4 tal-proċess

Illi l-Qorti tqis li r-rikorrent *nomine* jsejjes il-każ tiegħu fuq ksur ta' jedd wieħed – dak marbut mat-tgawdija tal-ġid u tal-ħarsien minn teħid tiegħu b'kumpens xieraq – kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati eċċipjenti Ellul Philips isejsu din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom billi jgħidu li Vassallo ma nqdewx bir-rimedji ordinarji kollha li l-liġi kienet tagħtihom qabel ma fetħu din il-kawża. Il-Qorti tqis li, fit-Tweġiba tagħhom, l-eċċipjenti ma semmewx x'kienu r-rimedji ordinarji li rreferew għalihom. Għalkemm fl-istess Tweġiba huma jgħidu li kienu se juru u jippruvaw x'kienu tali rimedji waqt il-mixi tal-kawża, ma ġabu l-ebda prova f'dan ir-rigward. Kien waqt it-trattazzjoni tal-eċċezzjoni li l-għaref difensur tal-intimati eċċipjenti fissret li Vassallo kienu nqdew bi proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, iżda ma ħadux ir-riżultat li riedu u b'hekk ma jistgħux iressqu kawża bħalma hija din tal-lum biex dak li ma ħadux b'dawk il-proċeduri jippruvaw jiħduh taħt is-saħħa ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Żiedet tgħid li l-eċċipjenti jqisu li l-għan waħdien tal-azzjoni ta' Vassallo tallum huwa dak li jneħħi lill-eċċipjenti mill-post mikri lilhom u għalhekk, għal dak l-għan kellhom il-proċeduri quddiem il-Bord li ma ġewhomx kif xtaqu;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[11]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma

[11] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita` tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[12] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[13];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[14]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[15]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa` seħħ jew li x'aktarx iseħħ[16];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrenti *proprio* jew l-awturi tagħhom naqsu li jinqdew b'rimedji oħra li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrenti *proprio* tassew kellhom dak ir-rimedju u li naqsu li jinqdew bih;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more*

[12] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[13] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[14] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[15] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[16] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***

*than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[17]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[18]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[19];

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[20];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita`, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab

[17] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights (3rd. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2
[18] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[19] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[20] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th. Edit, 2006), pġ. 133

is-setgħat tagħha li tisma’ l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[21]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[22]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa’ fil-kompetenza ta’ organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se’ jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta’ xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[23];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma’ kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b’mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta’ drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta’ dawk is-setgħat[24];

Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta’ rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li “*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*”[25]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista’ jmexxi każ quddiem il-Qorti ta’ Strasburgu[26] jidher li jista’, fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji “ordinarji” qabel ma wieħed jmexxi ’l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta’ jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

Illi fl-aħħarnett il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq tiċċita x’kellha xi tgħid il-Qorti ta’ Strasburgu meta tkellmet dwar l-aspett ta’ teħid minn applikant ta’ rimedji ordinarji qabel ma jinbdew proċeduri dwar ilment ta’ ksur ta’ jeddijiet konvenzjonali f’każ li ċ-ċirkostanzi kienu jixbhu lil dan tallum. F’dak il-każ dik il-Qorti qalet li “*The Court reiterates that according to Article 35§1of the Convention, it may only deal with an issue after all domestic remedies have been exhausted. The purpose of this rule is to afford the Contracting States the opportunity of preventing or putting right the violations alleged against them before those allegations are submitted to the Court. Thus the complaint*

[21] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***
[22] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[23] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[24] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[25] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134
[26] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni

*submitted to the Court must first have been made to the appropriate national courts, at least in substance, in accordance with the formal requirements of domestic law and within the prescribed time-limits. Nevertheless, the obligation to exhaust domestic remedies only requires that an applicant make normal use of remedies which are effective, sufficient and accessible in respect of his Convention grievances. The existence of such remedies must be sufficiently certain not only in theory but also in practice, failing which they will lack the requisite accessability and effectiveness.*"[27] Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li jgħodd għat-teħid tar-rimedji f'livell domestiku qabel wieħed imexxi quddiem dik il-Qorti, jgħodd b'xebh u fil-prinċipju mar-regoli hawn fuq imsemmija dwar it-teħid ta' rimedji "ordinarji" qabel ma jinbdew proċeduri bħalma beda r-rikorrent *nomine* fil-każ tal-lum;

Illi l-għaref difensur ta' Vassallo jisħaq li l-eċċezzjoni mhijiex tajba sewwasew għaliex il-qagħda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti baqgħet ma nbidlitx minkejja li huma nedew ir-rimedju ordinarju li jsemmu l-eċċipjenti intimati Ellul Philips. Huwa żied jgħid li Vassallo mhumiex qegħdin iħarsu lejn jekk il-proċeduri mnedija fil-Bord li Jirregola l-Kera kellhomx ir-riżultat li xtaqu, imma dwar kemm dawk il-proċeduri kienu tabilħaqq jistgħu jindirizzaw l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali li jsejjes l-azzjoni tallum;

Illi l-Qorti tqis li, kif jgħidu Vassallo, it-tneħħija tal-intimati Ellul Philips mhijiex l-għan ewlieni tal-azzjoni tallum (għalkemm iqisu tali tneħħija bħala effett ta' sejbien ta' ksur tal-jedd fundamentali minnhom invokat), għaliex l-għan tal-azzjoni huwa dak li l-Qorti tqis u ssib jekk, bit-tħaddim tal-liġijiet fis-seħħ, ġarrbux ksur tal-jedd fundamentali li jgawdu ġidhom kif jixraq. Din hija kwestjoni li l-azzjoni tar-rikorrenti titlob stħarriġ dwar aspetti ta' dritt li t-tribunal ordinarju msemmi mill-intimati eċċipjenti ma jidħolx fihom u ma jindirizzax u ma setax jirreferihom lil din il-Qorti. Minbarra dan, il-fatt li r-rikorrenti jkunu nedew proċeduri quddiem l-organi ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji kompetenti ma jżommx milli jistgħu jitnedew ukoll proċeduri ta' xejra kostituzzjonali li l-Qorti tista' tisma' qabel ma jkunu ntemmew dawk il-proċeduri l-oħrajn jekk kemm-il darba l-interess tal-ħarsien tad-dritt fundamentali jkun jitlob dan. Naturalment, dan isir biss fil-limiti tas-setgħat li din il-Qorti tgawdi bil-liġi u mhux b'teħid tas-setgħat jew kompetenzi tal-qrati jew tribunali ordinarji jew biex tiddeċiedi minflokhom;

Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimati Ellul Philips ma tawhiex raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tagħhom li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha

[27] Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba et vs Malta*** (Applik. Nru. 20287/10) § 36

biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent *nomine*. Għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati** Ellul Philips u tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża;

**Tordna** li jitkompla s-smigħ tal-kawża bil-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni fil-mertu, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati; u

**Tordna** li l-intimati Ellul Philips **iħallsu l-ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**5 ta' Lulju, 2018**